# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

Illum 10 t'April 2017

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**
**vs.**
**Ryan Dimech**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Ryan Dimech ta' 28 sena mwieled 24/04/1979 Pieta bin Carmel u Maria Carmela nee' Medati residenti no. 23, Triq Ebona, Sqaq no. 3, Haz Zebbug, Malta, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 215579M

Akkuzati talli:

1. F'dawn il-Gzejjer, fit-22 ta' Novembru 2007 f'xi hin bejn is-sitta ta' filghodu u d-disa' ta' filghodu gewwa San Pawl il-Bahar ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezza jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur ta' Artikolu 95 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew hebb kontra PS 698 S. Tabone u PC 714 V. Bonavia u cioe' persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti, u dan bi ksur ta' Artikolu 96 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi kkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC 714 V. Bonavia skond kif iccertifikat mit-tabib Dr. R. Scerri MD Reg no 1886 u dan bi ksur ta' Artikolu 221 (1) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
4. U aktar talli fl-istess jun, hin, lok u cirkostanzi meta kien fil-pubbliku, qal xi kliem oxxen jew indicenti li kien ukoll jikkonsisti f'dagha u dan bi ksur ta' Artikolu 338(bb) u 342 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
5. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' persuni inkarigati minn servizz pubbliku u cioe' PS 698 S. Tabone u PC 714 V. Bonavia, jew ma hallix jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu id-dmirijiet taghhom, jew b'mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b'xi mod iehor, u dan bi ksur ta' Artikolu 338(ee) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
6. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur ta' Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
7. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi irrifjuta li jaghti jew ta falz lil ufficjal pubbliku jew lil wiehed iehor li jkun inkarigat minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikolaritajiet ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 338 g tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
8. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tammontax ghal aktar minn hamsin lira u dan bi ksur tal-Artikolu 325 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
9. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi hebb kontra persuna sabiex jingurja, idejjaq jew jaghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor u dan bi ksur tal-Artikolu 339 (1) (d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
10. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi ingurja jew hedded lil Gerthrud Borg u dan bi ksur tal-Artikolu 339 (1) (e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta
11. U aktar talli sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija fil-Qorti ta' Malta.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha u d-dokumenti ezebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bil-procedura sommarja u rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-kawza tigi hekk trattata u deciza.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Il-Fatti**

Hemm divergenza sostanzjali fuq il-verzjoni tal-fatti bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiza li taw lok ghal dawn il-proceduri. Il-Qorti se tirriproduci fil-qosor iz-zewg versjonijiet:

*Il-Versjoni tal-Prosekuzzjoni*

1. Fit-22 ta' Novembru 2008, ghall-habta tas-7.00a.m. kien hemm kollizjoni bejn it-trakk misjuq mill-imputat u karozza privata misjuqa minn Gertrude Borg, vicin ir-roundabout maghrufa bhala l-Erbat Imwiezeb li tinsab gewwa San Pawl il-Bahar.
2. Din il-habta ikkagunat kongestjoni ta' traffiku.
3. Inzerta kien ghaddej minn hemm PC 1185 William Saliba u waqaf biex jara kellhomx bzonn assistenza. Hu nnota li l-imputat kien qed jargumenta ma' Borg u qallu biex jieqaf, u jcemplu l-wardens halli jitnehhew il-vetturi. L-imputat beda jkellmu hazin u joffendih u jkun aggressiv mieghu, tant li PC 1185 cempel l-Ghassa tal-Mosta ghall-ghajnuna tal-Pulizija.
4. Fuq il-post marru PS 698 Sean Tabone u PC 714 Victor Bonavia. Meta PS 698 Sean Tabone pprova jkellem lill-imputat, l-imputat beda jallega fatti dispregattivi fil-konfront ta' PC 1185 u joffendih. Ghalhekk, il-Pulzija iddecidew li jarrestawh u hemm inqalghet glieda ghax l-imputat irrezista l-arrest b'mod aggressiv, b'idejh u saqajh. Fl-ahhar irnexxielhom jimmanettjawh u jdahhluh fil-karozza tal-Pulizija. Waqt il-glieda n-nuccali ta' PC 714 inkisser u PS 698 soffra griehi hfief, billi t-tabib sab li kellu pressjoni gholja.
5. Sakemm saqu lura l-Ghassa, l-imputat baqa' jidghi u joffendi lil PC 714 u jaghti fuq il-vettura tal-Pulizija minn gewwa.
6. L-imputat ukoll gie iccertifikat li kellu feriti hfief f'idu l-leminija.

*Il-Versjoni tal-Imputat*

1. L-imputat jghid li hu kien qed isuq it-trakk tax-xoghol ta' missieru, Carmel Dimech, u kien fi triqtu ghal fuq il-lant tax-xoghol meta habat.
2. Hu jghid li nizel biex jara jekk Borg wegghatx fl-incident u mar jixtri card biex ikun jista' jcempel lill-wardens minn fuq il-mobile.
3. Hu cempel lil missieru li hadha bi kbira, ghax it-trakk kien jintuza ghax-xoghol.
4. Meta gie lura sab lil PC 1185 jitkellem ma' Borg. L-imputat jallega li PC 1165 ordnalu li jnehhi t-trakk minn fejn kien, peress li kien ingema' traffiku kbir u l-imputat irrifjuta li jaghmel dan, jekk qabel ma jaghmlulux l-lines mal-art. L-imputat jallega li PC 1185 kien pastaz mieghu, u l-imputat irreagixxa billi kien pastaz mieghu ukoll. PC 1185 cempel lill-Pulizija.
5. Sadanittant lahaq gie missieru u kienu qed jistennew lill-wardens gejjin.
6. Jghid li f'hin minnhom giet karozza tal-pulizija li jallega li baqghet diehla ghal fuqu. Jallega li hareg Pulizija bil-mustacci li qabdu mill-flokk u beda jipprova jaghmillu l-manetti u jdahhlu gol-karozzza u beda jtih bil-ponn. Min-naha l-ohra l-imputat beda jimbuttah b'saqajh. Jallega wkoll li dan il-Pulizija beda jghidlu "paroli" imma hu ma tax kasu.

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

*Kwistjoni Preliminari dwar l-Imputazzjoni numru Hdax (11)*

Fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-imputat issolleva l-kwistjoni li l-ahhar imputazzjoni, cioe' il-hdax-il wahda, rigwardanti r-recidiva, kienet miktuba bl-idejn, u ma saret l-ebda talba waqt dawn il-proceduri ghall-korrezzjoni tac-citazzjoni. Ghalhekk huwa ssottometta li din l-imputazzjoni ghandha tigi injorata.

Fil-fatt mill-atti, ma jirrizultax li din l-addizzjoni saret qabel ma giet epprezentata c-citazzjoni, ghax m'hemmx l-annotazzjoni tar-registratur li din kienet zieda awtorizzata. Mill-atti tal-process lanqas jirrizulta li qatt intalbet korrezzjoni tac-citazzjoni. Ghalhekk jidher li din l-

addizzjoni saret irregolarment, u konsegwentement din il-Qorti se tiskarta din l-imputazzjoni tar-recidiva.

*Il-Meritu*

In vista ta' dan il-kunflitt fuq il-fatti bejn il-Pulizija involuti u l-imputat u x-xhieda prodotti minnu, din il-Qorti hija tal-opinjoni li l-aktar xhud indipendenti f'dawn il-proceduri hija Gertrude Borg, is-sewwieqa tal-vettura li habtet fit-trakk li kien qed isuq l-imputat. Ghalkemm, ir-responsabbilita' tal-habta giet attribwita lilha, il-Qorti ma tarax li din ix-xhud kellha xi raguni ghalfejn ma tghidx il-verita' f'din il-kwistjoni li tittratta allegata glieda bejn il-Pulizija u l-imputat.

Fix-xhieda taghha, Gertrude Borg tghid li wara l-habta, kemm hi u kemm l-imputat hargu mill-vetturi u tghid li l-imputat beda jghajjat maghha. Din il-Qorti temmen lil din ix-xhud, ghax l-imputat stess ammetta fix-xhieda tieghu, li kien jaf li missieru ser jirrabbja mieghu ghax habat ghax minbarra l-hsara fit-trakk, kien se jwaqqaflu x-xoghol.

Ix-xhud Gertrude Borg tkompli tghid li hi marret hdejn il-vettura taghha biex iggib il-mobile biex iccempel lil warden, u lill-imputat ma ratux izjed. F'daqqa wahda waqfet karozza tal-Pulizija hdejha, u l-Pulizija PC 1185 staqsiha x'gara u hi qaltlu li kien hemm habta. Ix-xhud tkompli tghid hekk *"Qalli mela cempel lill-wardens halli jigu halli tnehhu dawn il-karozzi min-nofs. Sa dan it-tant l-imputat gie u l-pulizija staqsieh, qallu cempiltilhom lill-wardens? U qallu le ghax mort nixtri card tal-mobile. F'daqqa wahda l-pulizija qalilna mela cemplu l-wardens. Hu beda jirrabja u jghajjat u staqsieh jek jigix minni lill-pulizija."*[1] L-imputat beda wkoll joffendi lill-Pulizija u joffendi lix-xhud Gertrude Borg bi kliem hazin.

Ix-xhud Borg tghid li l-Pulizija qallu *"jiena biex iccaqilqu l-karozzi halli tnehhu t-traffic."* F'daqqa wahda giet karozza bi tliet rigiel ohra u wiehed minnhom staqsa lill-Pulizija ghalfejn beda jghajjat mal-imputat. Skond l-istess xhud, il-Pulizija wiegbu *"jiena ma kontx qed nghajjat mieghu. Just ridna ncaqalqu l-karozzi."* Dan il-kliem tax-xhud jaghti kredibilita' lil dik il-parti tax-xhieda tal-imputat fejn allega li l-Pulizija riedu jcaqlaq it-trakk minghajr ma

[1] Ara fol. 60 *et seq.* tal-process.

jsiru s-sinjali, qabel jigu l-wardens. Hu vera li in kontro-ezami x-xhud tghid li l-Pulizija qalilhom *"cemplu l-wardens halli meta jigu l-wardens tkunu tistghu tressqu l-vetturi."* Fl-aghar ipotesi din ix-xhieda ta' Borg hija konflingenti max-xhieda precedenti taghha. Pero' fi kwalunkwe kaz, il-kliem precedenti tal-Pulizija seta' facilment ta lill-imputat l-impressjoni li l-Pulizija kien qed jinsisti li jiccaqalqu l-vetturi qabel ma jigu l-wardens, u l-Qorti hi tal-fehma li hekk gara.

Ghalkemm din l-ordni tal-Pulizija PC 1185 kienet wahda illegittima, u certament l-imputat kellu kull dritt li ma jsegwix din l-ordni, min-naha l-ohra l-imputat ma kienx gustifikat li joffendi lill-Pulizija bil-mod kif ghamel, ghax l-intenzjoni wara l-ordni kienet wahda in buona fede, biex titnehha l-kongestjoni tat-traffikku f'dak il-hin kritiku tal-gurnata.

Skond l-istess xhud Borg, ftit minuti wara giet it-tieni karozza tal-pulizija u minnha hargu zewg pulizija. Wiehed minnhom mar ikellem lil PC 1185, ovvjament biex jara x'gara u ma garax, u mbaghad resaq lejn l-imputat u talbu biex ikellmu. Izda l-imputat baqa' jirrabbja u ghalhekk il-Pulizija ordnalu biex jidhol fil-karozza biex ikellmu. L-imputat irrifjuta li jidhol, inqalghet glieda u ghalhekk dahhluh bil-forza. L-imputat baqa' kompla jghajjat, jidghi u jhedded lill-Pulizija.

Din il-parti tax-xhieda tax-xhud Borg tikkonflingi max-xhieda tal-imputat, li l-vettura tal-pulizija saqet dritt ghal fuqu u nizzlu biex jarrestawh immedjatament. Fi kwalunkwe kaz, mhux verosimili li f'dak it-traffiku kollu, l-Pulizija rnexxielhom jghaddu bil-vettura taghhom u jieqfu dritt quddiem l-imputat. L-imputat ma kellu l-ebda raguni valida fil-ligi ghalfejn ma kellimx lil dawn z-zewg Pulizija u jispjegalhom bil-kelma t-tajba r-raguni tal-incident li kien inqala' bejnu u bejn PC 1185. Ovvjament, rinfaccati bl-attitudni aggressiva u ostili tal-imputat, il-Pulizija ma kellhomx xelta hlief li jarrestawh.

Ghaldaqstant, l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet jirrizultaw ippruvati.

In kwantu ghat-tielet imputazzjoni, il-Qorti ma tqisx il-fatt li PC 714 Victor Bonavia gie certifikat li kien qed ibaghti minn ansjeta u kellu pressjoni gholja, jikkostitwixxi ferita hafifa fit-termini tal-Artikolu 221(1) tal-Kodici Kriminali, u ghalhekk il-Qorti se tilliberah minn din l-imputazzjoni.

L-imputazzjoni numru 7, u cioe li rrifjuta li jaghti d-dettalji tieghu personali tieghu lill-Ufficjal tal-Pulizija fil-qadi ta' dmirijietu, tirrizulta mix-xhieda ta' PC 714 Victor Bonavia[2] u PC 1185 William Saliba.[3]

Il-kumplament tal-imputazzjonijiet l-ohra gew kollha debitament ippruvati.

**Konsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Certament dan huwa wiehed minn dawk il-kazijiet fejn incident ta' habta zghira bejn zewg vetturi, zvilluppat argumenti u drama kbira.

L-imputat ghandu fedina penali mill-aktar raffrettarja. Hu nstab hati ta' serq kwalifikat bil-mezz, valur u xorta tal-haga misruqa u hsara volontarja fl-istess u mpoggi taht probation ghal zmien tliet snin fl-1993. Rega' nstab hati ta' tentattiv ta' serq ta' flus, ta' serq iehor kwalifikat bil-valur, vjolenza numerika, mezz, hin, li dahal go dar privata f'okkazzjoni ohra, ta' danni volontarji f'okkazzjoni ohra, ta' serqiet kwalifikati bil-mezz u l-hin u li ksier il-kondizzjoni tal-probation imposta fuqu u rega' tpogga taht probation ghal sena fl-1996. Rega' nstab hati ta' sewqan bla licenzja u insurance, b'manjiera traskurata u li naqas li jobdi l-ordni legittima u kkundannat 9 xhur prigunerija fl-1998. Wara din is-sentenza rega' gie kundannat sentejn prigunerija sospizi ghall-erba' snin taht is-supervizjoni ta' Probation Officer wara li rega' instab hati ta' serq kwalifikat bil-vjolenza, mezz, valur li jeccedi l-LM100, sekwestru tal-persuna u li kien fil-pussess ta' arma regolari u serq iehor ta' vettura kwalifikat bil-mezz, valur, hin u xorta tal-haga misruqa u dan fis-sena 2000. Fis-sena 2001 rega' nstab hati ta' serq ta' flus li jeccedu l-LM1000 kwalifikat bil-vjolenza, mezz, valur u lok u mill-gdid ta' sekwestru tal-persuna u serq ta' vettura kwalifikat bil-vjolenza, mezz, valur u lok u bix-xorta tal-haga misruqa, u waqt li kien fil-pussess ta' arma tan-nar u danni volontarji, u rega' gie ikkundannat sentenza sospiza ta' sentejn prigunerija. Inoltre, l-imputat kien ukoll instab hati ta' numru konsiderevoli ta' reati inqas gravi tat-traffiku, glied, hebb, ecc.

Fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-imputat qal li *"l-ahhar entry ta' din il-fedina penali hija 2001 u minn dak iz-zmien 'l hawn ... ... qabad ix-xoghol, qabad jahdem."* Pero, mill-

[2] Ara fol. 45 tal-process.
[3] Ara fol. 52 tal-process.

fedina penali aggiornata jirrizulta li bejn l-2002 u l-2005, l-imputat kellu hames kundanni ohra tal-istess natura imsemmija iktar il-fuq, u inghata wkoll sentenza ta' prigunerija effettiva. Ghalkemm, sussegwentement jidher li kien hemm perjodu fejn ma regghax xellef difrejh mal-Qorti, fis-sena 2014 instab hati li fl-2009 – cioe fil-mori ta' dawn il-proceduri – ikkaguna ferita gravi fuq persuna, u inghata Ordni ta' Probation ghal zmien tlett snin.

Ghalhekk jidher li l-imputat, fost affarijiet ohra, ghandu problema li jikkontrolla lilu nnifsu u ta' *"anger management"*. Pero, min-naha l-ohra, mill-atti ta' dawn il-proceduri jirrizulta li l-imputat ghandu xoghol stabbli, li jaghti indikazzjoni li qed jipprova jbiddel hajtu.

L-agir aggressiv u vjolenti tal-imputat fil-konfront tal-ufficjali tal-Pulizija, li kienu qeghdin jaqdu d-doveri taghhom, ma jista' bl-ebda mod ikun gustifikat, u din l-Qorti hija tal-opinjoni li dawn il-persuni ghandhom dejjem isibu l-protezzjoni tal-Qrati f'tali cirkostanzi. Pero', din il-Qorti hija tal-opinjoni li fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, piena karcerjarja effettiva mhix idonea fic-cirkostanzi tal-kaz.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qieset li hemm konkors formali jew ideologiku bejn l-kontravvenzjonijiet kontemplati fir-raba', l-hames, is-sitt u id-disa' imputazzjonijiet u r-reati kontemplati fl-ewwel zewg imputazzjonijiet.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti,

1. issib lill-imputat mhux hati tat-tielet imputazzjoni u qed tilliberah minnha;
2. tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hdax-il imputazzjoni;
3. Wara li rat l-Artikoli 95, 96, 338(bb), 342, 338(u), 338(dd), 338(g), 325(1)(c), 339(1)(d) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha dedotti kontrih u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tmintax (18)-il xahar, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' erba' snin, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Ai termini ta' l-Artikolu 28(H) tal-Kapitolu 9, il-Qorti qieghda tordna lill-hati, ihallas is-somma ta' sittin Euro u sitta u hamsin centezmu (€60.56) lil P.C. 714 Victor Bonavia fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, rapprezentanti d-danni li ikkagunalu meta kissirlu n-nuccali tal-vista.

5. A tenur ta' l-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'zieda ma' din is-sentenza sospiza l-Qorti qed tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Supervizjoni ghal zmien tlett (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet stretti li qed jigu imposti fuqu skond l-Ordni ta' Supervizzjoni hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

6. Ai termini ta' l-Artikoli 28A(4), 28G(8) u 28H(7) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha, u cioe' f'kaz li jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv, u/jew jekk jonqos li jhallas lill-parti offiza l-ammont fuq preskritt fiz-zmien stipulat hawn fuq, u/jew jew jekk jonqos illi jsegwi xi wahda mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Ordni ta' Supervizjoni.

7. Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**